

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

P8\_TA(2016)0493

**Ftehim UE-Norveġja dwar aċċess reċiproku għas-sajd fi Skagerrak**

**Riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar aċċess reċiproku għas-sajd fi Skagerrak għal bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka, tan-Norveġja u tal-Isvezja (10711/2016 – C8-0332/2016 – 2016/0192(NLE) – 2016/2229(INI))**

(2018/C 238/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (10711/2016),
  - wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar aċċess reċiproku għas-sajd fi Skagerrak għal bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka, tan-Norveġja u tal-Isvezja (11692/2014),
  - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0332/2016),
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar aċċess reċiproku għas-sajd fi Skagerrak għal bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka, tan-Norveġja u tal-Isvezja <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A8-0320/2016),
- A. billi s-sajjeda mid-Danimarka, in-Norveġja u l-Isvezja tradizzjonalment dejjem stadi b'mod konġunt f'Kattegat u Skagerrak;
- B. billi l-Ftehim jirrikonoxxi d-drittijiet storiċi tas-sajd tas-sajjeda mid-Danimarka, in-Norveġja u l-Isvezja f'Kattegat u Skagerrak, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' sajjeda minn stati oħra, filwaqt li jiżgura wkoll li jittieħdu miżuri xierqa għall-ġestjoni tas-sajd u l-preservazzjoni ta' dawn l-ilmijiet;
- C. billi l-Ftehim jappoġġja wkoll l-implimentazzjoni tas-sistema riformata ta' ġestjoni tas-sajd fl-UE stabbilita b'konformità mal-għanijiet u l-prinċipji bażiċi tal-politika komuni tas-sajd (PKS) il-ġdida, b'mod partikolari l-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art u miżuri obbligatorji biex l-istokkijiet jinżammu 'l fuq mil-limiti tas-sajd sostenibbli;
1. Jistieden lill-Kummissjoni tgħaddi lill-Parlament il-minuti u l-konklużjonijiet ta' kwalunkwe konsultazzjoni li saret bi qbil mal-Artikolu 4 tal-Ftehim;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament u lill-Kunsill, fl-aħħar sena tal-applikazzjoni tal-Ftehim u qabel il-bidu tan-negozjati għat-tiġdid tiegħu, rapport sħiħ dwar l-implimentazzjoni tiegħu;
  3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, filwaqt li jaġixxu fil-limiti tas-setgħat rispettivi tagħhom, jinformaw lill-Parlament immedjatament u bis-sħiħ fl-istadi kollha tal-proċeduri relatati mal-Ftehim u t-tiġdid tiegħu, skont it-termini tal-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
  4. Jenfasizza li l-aċċess għas-sajd intern għal kwalunkwe pajjiż terz għandu jibni fuq ir-reċiproċità, u li fil-każ tan-Norveġja kwalunkwe dazju doganali fuq il-prodotti tal-ikel, inkluż fuq il-prodotti tas-sajd, mill-UE għandu jkun konformi mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea;

<sup>(1)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2016)0492.

**L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016**

5. Jenfasizza li l-Kummissjoni għandu jkollha l-kompitu li tiżgura li d-dazji doganali fuq il-prodotti tal-ikel u tas-sajd mill-UE ma jiġux stabbiliti b'mod kuntrarju għall-prinċipji ta' kummerċ ħieles fil-qasam tal-prodotti tal-ikel, inklużi l-prodotti tas-sajd;
  6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi r-riżoluzzjoni tiegħu lill-Kunsill u l-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lir-Renju tan-Norveġja.
-